MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ROBERT G MANGION

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2014

Citazzjoni Numru. 231/2009

**A B**

**vs**

**C B**

**Il-Qorti,**

**Preambolu.**

Rat ir-rikors guramentat tal-attur li permezz tieghu ppremetta u talab is-segwenti:-

1. Illi l-esponenti zzewweg lill-konvenuta fl-4 ta' Dicembru 2004, kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg;

2. Illi minn dan iz-zwieg ma kienx hemm tfal;

3. Illi wara biss erbgha (4) xhur il-partijiet bdew jghixu bhala separati de facto;

4. Illi l-intimata illum-il gurnata ghandha wild minghand terz;

5. Illi l-intimata rrendiet ruhha hatja ta' adulterju, ingurji gravi, sevizzi u eccessi fil-konfront tal-attur;

6. Illi minghajr pregudizzju ghall-premessi surreferiti z-zwieg tfarrak irremedjabilment;

7. Illi ma hemmx pretensjonjiet rigward manteniment u lanqas ma jista' l-konvenuta jkollha forma ta' manteniment tenut kont tar-relazzjoni taghha ma' terzi;

8. Illi l-esponent ghandu oggetti u krediti parafernali fil-pussess u/jew li qed jintuzaw u jitgawdew mill-intimata;

9. Illi l-partijiet gew awtorizzati jipprocedu ghas-separazzjoni personali permezz ta' digriet Nru. 939/09 datat 19 ta' Gunju 2009.

Ghaldaqstant, tghid l-intimata ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti konjugi B minhabba li l-hajja flimkien m'ghadhiex possibbli ghaliex iz-zwieg tkisser irrimedjabilment kif ukoll minhabba l-eccessi, sevizzi, ingurji gravi u 1-aduiterju tal-konvenuta;

2. Tiddikjara u tiddeciedi li l-intimata iddekadiet rnid-dritt taghha ghall-manteniment;

3. Ixxolji l-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-partijiet u tillikwida u taqsam l-istess komunjoni f'zewg porzjonijiet li jigu assenjati wahda lir-rikorrenti u l-ohra lill-intimata, okkorrendo billi jigi nominat perit, nutar biex jircievi l-att opportun u kuratur biex jirraprezenta l-kontumaci fuq l-istess att;

4. Tillikwida l-assi parafemali tar-rikorrenti u tassenja l-istess assi lir-rikorrent;

5. Tapplika kontra l-intimata is-sanzjonijiet kontemplati fid-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 48 tal-Kodici Civili;

Bl-ispejjez kontra l-intimata ngunta ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta li permezz taghha ssottomettiet u eccepiet is-segwenti:-

Illi hija rna topponix ghall-ewwel talba rikorrenti sabiex din l-Onorabbli Qorti joghgobha tippronunzja is-separazzjoni personali bejn il-partijiet imma dan ghandu jsir minhabba ragunijiet imputabbli lir-rikorrenti A B minhabba sevizzji, ingurji gravi u adulterju li kien ilu sejjer sa minn qabel iz-zwieg kif ser ikun pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi t-tieni u t-tielet talba m'humiex opposti, tenut kont pero tal-fatt illi z-zwieg dam biss 4 xhur minhabba l-adulterju tar-rikorrent li telaq mid-dar rnatrirnonjali wara dan iz-zmien imsemmi u li ghalhekk rna hemmx wisq proprjeta tal-komunjoni ta' l-akkwisti;

Illi r-raba' talba qed tkun opposta stante illi ir-rikorrent halla warajh djun li hallset l-esponenta u kwindi l-oggetti parafernali jekk hemm ghandhorn ipacu ghall-ispejjez li harget l-esponenta bla pregudizzju ghad-dritt taghha li tfittxu ghal kwalsijasi somma verjuri u bilanc li jkun ghad fadal;

Illi l-harnes talba ghandha tkun michuda ukoll stante li l-kawza ghat-tifrik taz-zwieg kien l-adulterju tar-rikorrent u kwindi ghandu jahti hu ghal tali tifrik.

Bl-ispejjez kontra ir-rikorrenti A B;

Rat il-Kontro –Talba tal-konvenuta li permezz taghha ssottomettiet u talbet is-segwenti:-

Illi l-partijiet izzewgu nhar 1-4 ta' dicembru 2004;

Illi minn dan iz-zwieg ma twieldu l-ebda ulied;

Illi l-hajja konjugali bejn il-partijiet giet resa impossibbli tort uniku ta' l-intimat wara biss erba' (4) xhur u dan minhabba adulterju, ta' l-intimat versu l-esponenta, liema adulterju huwa ammess minnu stess;

Illi minkejja li saret medjazzjoni din rizultat fin-negattiv u kwindi kellha issir din il-kawza;

Illi ma hemm l-ebda possibilita ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Ghaldaqstant jghid ghaliex l-intimat il-ghala m' ghandhiex din l-Onorabli Qorti:

Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghar-ragunijiet premessi unikament imputabbli lill-intimat;

Tiddikjara li z-zwieg kontrattat bejn il-partijiet tkisser irremedjabiment tort uniku ta' l-intimat;

Tiddikjara u tiddeciedi li l-intimat iddekada minn sehemu tal-komunjoni ta' l-akkwisti stante l-adulterju tieghu;

Ixxolji l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u tassenjha interament favur l-esponenta.

Tapplika favur l-esponenta in kwantu applikabbli ghalih l-effetti ta' l-artikoli 48 sa 53 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tiddikjara li l-intimat iddekada mid-dritt ta' manteniment.

Tikkundanna lill-intimat ihallas manteniment lill-esponenta;

Bl-ispejjez kontra l-intimat ingunt ghas-subizzjoni.

Rat li l-attur rikonvenzjonat ma pprezentax risposta guramentata ghat-talbiet rikonvenzjonali.

Rat id-digriet tat-18 ta’ Jannar 2012 li permezz tieghu giet nominata Dr Anna Mallia bhala perit legali

Rat ir-relazzjoni peritali.[1]

Rat id-domandi u r-risposti in eskussjoni tal-perit legali.[2]

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-attur.

Semghat it-trattazzjoni orali tal-abbli Avukati tal-partijiet.

Rat l-atti kollha.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

---

[1] Fol. 280
[2] Fol. 306 u 308

Ikkonsidrat.

**Provi**.

L-abbli Perit Legali Dr Anna Mallia ghamlet rassenja dettaljata tal-pretensjonijiet reciproci tal-partijiet:-

"Fl-affidavit tieghu a fol 23et l-attur jghid li qabel ma zzewgu huwa hallas s-somma ta' €20,400.65 (LM8758) u dan li gej:

Nofs l-kcina ta' LM3000

l-aluminium tad-dar fl-ammont ta' LM1000

kamra tal-banju LM1500

gibs LM1000

fireplace LM300

gebel LM300

funtana LM100

mirja LM100

suffett LM200

guva LM300

bibien LM200

purtieri LM200

rham LM58

Xehed ukoll li wara z-zwieg nefaq mill-flus personali tieghu €2469.14 (LM1060) kif gej:

television u dvd LM200

video camera LM160

sufan LM200

linef LM150

pittura LM200

gradenza LM100

twapet LM50.

Huwa jammetti a fol 24 li d-dar hija parafernali tal-konvenuta.

Fin-nota tieghu a fol 27 et l-attur jghid li qed jippretendi s-segwenti:

Nofs il-valur tal-kcina u cioe LM3000 li swiet LM6000

LM1000 aluminium

LM1500 kamra tal-banju u ensuite

Gibs LM1000

Fireplace LM300

Gebel LM300

Funtana LM100

Mirja LM100

Gradenza LM200 (fl-affidavit qal LM100)

Suffetti LM200

Guva LM300

Bibien LM200

Purtieri LM200

Rham LM58)

Coving LM150 li l-attur hallas nofs

Zewg ruzuni tal-gebel LM80 li l-attur jghid li hallas nofshom u li b'kollox jammontaw ghal LM8873 u cioe €20,668.53).

Jghid ukoll a fol 28 li waqt iz-zwieg xtara s-segwenti minn flus parafernali tieghu:

Television u dvd LM200

Video camera LM160

Sufan LM200

Linef LM150)

Pitturi LM200

Grademza LM100

Twapet LM50

U li dawn jammontaw ghal LM1060 u cioe €2469.14).

Jghid li l-ircevuti jinsabu go file li qieghed ghand l-konvenuta.

Jghid ukoll l-attur jsemmi l-ispejjez tat-tieg izda ma jghidx li qed jippretendi xi haga minnhom (fol 29).

Jghid ukoll li l-karozza Toyota Tercel xtrat qabel iz-zwieg minn butu u mhux minnu li LM1000 minnhom hargithom l-attrici.

A fol 61 l-attur jghid li fil-post nefaq LM10,000. Jghid li l-oggetti elenkati fil-lista tieghu jinkludu oggetti f'isem l-mara ghax kienet hija li marret il-hanut pero huwa hareg nofs il-flus.

Jghid li l-inwkiet fiz-zwieg taghhom beda f'April 2005 ghamel adulterju u qed jammettih ghax hemm l-kaz tal-annullament. F'April telaq mid-dar u hija marret ma' wiehed li qed tistenna tarbija minnu.

Jghid li huwa flus irid u mhux ghamara u ghalhekk ma qablux ghal separazzjoni bonarja.

A fol 72 et l-attur prezenta elenku tal-ispejjez dovuti lilu qabel iz-zwieg li skond hu hallas minn butu wkoll benefikati li ghamel wara z-zwieg. Jghid li talab is-somma LM8800 biex issir l-bonarja u rega nizel ghal LM8000 izda hija accettat biss li taghtih LM3000. wara accetta izda hija qaltlu li ebda centezmu mhu ser taghtiha.

A fol 68 l-attur jghid li dak kollu li sar god-dar sar f'isem it-tnejn. L-ircevuta f'isimha pero jhalsu t-tnejn jew minnu mill-flus parafernali. Ezempju huwa dok PJ 124 a fol 80 li jindika rcevuta tal-aluminium mahruga f'isem C Borg kunjomha xebba u a fol 81 l-ittra tal-avukat taghha li fiha tammetti I l-flus harighom hu u haqqu rifuzjoni taghhom.

Ezempju iehor huwa PJ 127 a fol 83 u fol 81 tikkonferma l-konventuta li l-flus harighom hu.

A fol 72 et l-attur pprezenta dan il-prospett:

Qabel iz-zwieg

| | |
|---|---|
| Kcina | LM3000 |
| Aluminium | LM600 |
| Bathroom | LM1500 |
| Gibs | LM1000 |
| Firplace | LM300 |
| Gebel | LM300 |

| | |
|---|---|
| Madum | LM300 |
| Funtana | LM100 |
| Mirrors | LM100 |
| Gradenza | LM200 |
| Suffetti | LM200 |
| Guva | LM300 |
| Bibien | LM200 |
| Bibien | LM00 |
| Purtieri | LM58 |
| | |
| Total | LM8358 |

Wara iz-zwieg

| | |
|---|---|
| TV u DVD | LM200 |
| Video camera | LM160 |
| Sufan | LM200 |
| Linef | LM150 |
| Pittura | LM200 |
| Gradenza | LM100 |
| Twapet | LM50 |
| | |
| Total | LM1060 |

L-attur pprezenta wkoll is-segwenti dokumenti:

Dok PJ120 (fol 73) – ittra minghand l-avukat tieghu tal-21 ta' Lulju 2005.

Dok PJ121 (fol 76) ittra ohra minghand l-avukat tieghu tad-29 ta' Jannar 2007.

Dok PJ122 (fol 78) ittra minghand l-avukat tal-konvenuta li turi li hija taccetta li tghaddil s-somma ta' LM3000.

Dok PJ123 (fol 79) ittra minghand l-avukat tal-attur tal-4 ta' Frar 2009 li tghid li huwa jaccetta l-hlas ta' LM3000 ghas-saldu.

Dok PJ124 a fol 80 ordni tal-aluminium minn C Borg ta' LM760 li minnhom thalsu LM200 deposit.

Dok PJ125 a fol 81 – ittra minghand l-avukat tal-konvenuta tal-10 ta' Gunju 2005 li tghid li hija lesta li thalsu LM1000 tal-aluminium, LM100 tal-funtana, LM75 tal-mirja, LM200 ta-ssuffetti u LM59 ta' Hal Mann u li huwa jista jzomm it-television u d-dvd, video camera u t-twapet.

Dok PJ126 afol 82 hija quotation ta' Paul Sammut tal-aluminium indirizza lil Teresa u mhux lil xi wahda mill-partijiet.

Dok PJ127 a fol 83 hija ircevuta ta' LM135 f'isem Mrs Borg tat-23 ta' Gunju 2004 minghand Starlite.

A fol 68 xehed missier l-attur **Mario B** li f'okkazjoni minnhom ra lil ibnu l-attur niezel b'envelope f'idu u kien fih flus kontanti u C qalet li l-ghada sejra thallas xi affarijiet ghad-dar ghal kamra tal-banju biex A ma jitlefx mill-hin tax-xoghol. Okkazjoni ohra ra lill attur jaghtiha l-cash link ghall-istess raguni. Darbhon kienu fuq is-sufan t-tnejn u huwa u martu tawhom LM1000 rigal tat-tieg. Jghid li huwa kien ghen hafna fid-dar li kienu qed jirrangaw biex imorru joqghodu fiha wara z-zwieg.

Rigward dawn l-oggetti msemmija mill-konvenuta l-attur fin-nota guramentata tieghu a fol 56 et jghid hekk:

- Rigward l-kcina, li li d-dokument prodott mill-konvenuta dwar il-kcina juri biss kemm swiet l-kcina u mhux min hareg l-flus ghaliha. Huwa jsostni li kien jafdaha bil-flus u huwa hareg aktar minn sehemu ghal kcina.

- Dwar l-appliances jghid li dawn ghazluhom l-partijiet flimkien u kien taha l-flus cash ghalihom. Jghid li l-konvenuta kienet izzomm file bl-ircevuti u b'lista ta' kemm kienu qed johorgu flus.

- Rigward l-irham l-konvenut isostni li minghand Hal Mann inxtara biss parti zghira mill-irham tat-tarag li dak iz-zmien kien jiswa LM58 li gie konferma mill-konvenuta stess f'ittra legali li baghatet fl-10 ta' Gunju 2005.

- Dwar l-aluminium dan inxtara minghand dingli aluminium u l-ircevuta prezentata mill-konvenuta ta' certu Pawlu Sammut Aluminium hija tax-xoghol li dan kien ghamel lill-ommha meta saqfet l-bitha tad-dar taghha. L-konvenuta tammetti li l-attur hareg LM1000 ghall-aluminium izda l-ircevuta harget f'isimha.

- l-attur jaqbel li d-dar matrimonjali hija tal-genituri tal-konvenuta (fol 57) izda ix-xogholijiet li saru saru bil-kunsens tal-genituri taghha. L-main bedroom sarilha shower ensuite li qabel ma kellhiex, inbidlet l-main bathroom ghaliex kienet qadima u z-zewg partijiet xtaqu jibdluha u ghal dawn iz-zewg bathrooms l-partijiet hargu LM1500 kull wiehed. L-attur jaqb li –xoxhgol ta' dawl u ilma sar mill-kugin tal-konvenuta u thallas minn ommha.

- Il-funtana huwa jibqa jsostni li hallasha hu.

- l-attur xtara gradenza ghal prezz ta' LM200 filwaqt li l-ohra nghatat lil partijiet bhala rigal tat-tieg. Dawn biex ikunu parigg fi-kurutur.

- Rigward il-guva, din saret bil-kunsens tat-tnejn ghax it-tnejn dilettanti tal-ghasafar; saret mill-attur bl-ghajnuna ta' missieru u ta' habib tieghu u nefa LM400.

- Huwa xkatla l-bibien li kienu fil-post, Toni l-mastrudaxxa sprejja l-bibien u l-attur illostra l-bibien tal-gallerija. Mhux minnu li Toni ma kienx ihallas kera lill-omm l-konvenuta u dan ghax kien ikun prezenti meta kien imur ihallas l-kera.

- Il-purtieri nhietu bhala rigal tat-tieg mill-mara ta' kugin tal-konvenuta izda d-drapp u materjal iehor thallas mill-partijiet.

- Ghand Hal Mann saret irhama tat-tarag u l-konvenuta stess tikkonferma dan permezz ta' ittra legali tal-10 ta' Gunju 2005 fejn tikkonferma li n-nefqa ta' LM58 hija dovuta lill-attur.

- Mill-Awstralja l-partijiet xtraw hafna u hafna oggetti fost dawn kamp kbir, zewg lampshades, fajjeza ornamenti anki ghal kcina u diversi hwejjeg u rigali ghal familjair, il-biljetti tal-ajru l-partijiet halushom mill-flus li qalghu fit-tieg.mhux minnu li ghamel b'LM200 telefonati mill-Awstralja u kien missier l-attur li tah LM1000 bhala rigal u ntuzaw ghal honeymoon.

- l-attur ghamel xoghol ta' zebgha u tibjid fil-post imsemmi, fil-lurutur, kcina, bitha wahroom u balavostri tat-tarag u tal-bitha li t-tnejn kienu tal-gebel u anke llostra l-poggaman tat-tarag;.

- Is-suffetti thallsu minnn biss u z-ziju Frans hallas zewg linef bhala rigal tat-tieg.

- It-television u d-dvid xtrahom hu u jaqbel li l-linef kienu rigal tat-tieg u li wara t-tieg nxtraw ukoll lighting fixture ghal kcina li l-atur irrefera ghaliha bhala linfa.

- Is-sufan abjad u li tpogga fil-living room inxtara wara t-tieg u kien jiswa LM200.

- Il-pitturi fil-kmamar tas-sodda, fit-tarag u fil-kuruturi inxtraw mill-partijiet flimkien fl-ahhar tlett snin tal-gherusija.

- Jaqbel li t-twapet inxtraw minn Tunez wara t-tieg u kienu jiswew LM50.

- Flus bhala rigal tat-tieg kien hemm hafna izjed minn LM3000; biss biss missier l-attur tah LM1000 bhala rigal u zijiet tal-partijiet li jghoddu madwar 20, kollha taw lil partijiet qrib l-LM100 kull wiehed.  Kellhom 400 mistiednin.  Il-Hilton thallas minn hu l-attur Stefan bhala rigal tat-tieg.  Is-sala, l-karozzi l-ikel u d-eejaq kollha thallasu mir-rigali tat-tieg wara t-tieg.

- l-ilbies kollu tat-tieg ukoll wara t-tieg thalla su l-attur ukoll hallas nofs dawn bhala sehemu.

- Rigward ix-xorb l-attur ma jiftakarx minn halsu jekk hux mill-attrici jew minn ommu.

- l-attur jghid li ma harig flus ghar-ritratti u ghal videos.

- Is-souvenirs l-attur jghid li dawn kienu rigal ta' hu l-konvenuta u nhadmu mill-mara ta' huha.

- l-attur jichad li qatt kellu dejn ma' omm l-konvenuta ghal vjagg fl-Awstralja.

- Il-beautician ommu halsitha LM51.

- Il-hairdress ta' omm l-attur thallaset minn omm l-konvenuta.

- Nies l-konvenut aprovdew majjal, tigieg u bajd ghat-tieg izda l-ikel l-iehor u l-kumplament tal-catering kein tal-Percius u thallas mill-partijiet wara t-tieg.

- Il-joint account li sar meta l-partijit zzewgu u li jigb numru 40013914596 mal-Bank of Valletta kien LM190 meta sfaxxa z-zwieg. Dawn ingibu dmill-attur. Il-kont jidher li fis-27 ta' dicembru 2004 meta l-partijiet kienu l-Awstralja kellhom LM1690 u minnu halsu l-ispejjez tat-tieg u l-biljetti tal-vjagg.

- Il-karozza inxtrat mill-attur meta kien ghadu guvni u thalset minn wahdu f'sena u nofs. Xtraha LM5000.

- Dwar l-ispejjez tat-tarag dan l-ammont huwa esagerat izda hu cert li l-ispejjez inqasmu u huwa hallas nofs.

- Huwa jghid li hallas ukoll wahdu fireplace b'unit tal-gebel ghand certu Joseph Azzopardi mir-Ragelu hallsu hu wahdu.  Azzopardi ghamel ukoll xi xambrelli tal-gebel mal-hnejjiet tal-kuritur u lavur iehor mal-hajt b'mera go fih , sar ukoll coving tal-gebel bil-lavur tul il-kurutur kollu, u dan twahhal mill-attur u habib ta' missier l-konvenuta bl-isem ta' Bobby.  Saru wkoll zewg ruzuni tal-gebel bil-lavur u dan iz-zoghol tal-gebel sewa LM600 li minnhom l-attur hallas nofshom u dan apparti x-xohgol li ghamel hu stess u l-unit tal-fireplace li hallas wahdu.

- Spiza ohra mhalsa mill-attur wahdu hija dik tal-kisi bil-gibs.  Dan kien ghamlu certu Lisu mir-Rabat u l-prezz ta' LM1000 thallas mill-attur wahdu.

**Provi konvenuta**

A fol 34 l-konvenuta pprezenta prospett li guramentat tal-ircevuti li fuqhom hemm kontestazzjoni u rrilevat dan li gej:

Kcina - din tiswa LM3500 u halsitha kollha hi (ircevuta fol 39)

Appliances halsithom hi (ircevuta fol 40-41)

Irham – dan inxtara minghand Tal-Palazz u mhux minghand Hal Mann u halsitu ommha (ircevuta fol 42)

Aluminium tad-dar : il-kcina u bieb tal-aluminium ma inxtrawx minghand had Dingli aluminium izda minghand Paul Sammut fis-sena 2001 u halsithom ommha (fol 43) u l-kumplament minghand ta' Had Dingli Aluminium LM750 u mhux LM1000 kif qed jghid hu izda A l-attura ma hareg xejn (ircevuta fol 43)

Tghid li d-dar matrimonjali hija tal-genituri taghha u mhux taghha u tawha l-permess li toqghod fiha u l-post kellu l-madum lest, bibien lesti, kamra tal-banju kif ukoll 2 kmamar tas-sodda u aluminium pero l-attur ma ghogbux u nehhih kif ukoll l-kamra tal-banju. Dwar dawl u ilma dawn diga kienu hemm pero ziedu xi plakek tad-dawl u halsithom omm l-konvenut kif ukoll halset l-plumber u l-eelctrician biex iqeghdu l-banju, toilet, x-xhower kfi ukoll s-sink u ghandha l-icevuta. Il-kmamar tal-banju l-ebda wahda ma fiha bede. (fol 44)

Il-kmamar tal-banju inxtraw minghand l-bathroom design pero minghand wiehed jismu Patrick mir-Rabat u qed tirreferi ghal banju, sink ecc qalet l-attrici. (fol 45)

Il-funtana li tiswa LM135 halsitha ommha u anke x-xoghol li sar fil-parapett jigifieri l-madum ta' barra, gebel ta' sejjieh kif ukoll l-gradi. (fol 46)

Il-gradenza kienet tiswa LM200 u kienet rigal minghandha otha bhala rigal tat-tieg li nghatha lilha.

Il-guva kienet tiswa LM300 pero l-attur ha aktar minn dak l-ammont ghax l-flus li kien jaghmel mill-bejgh tal-ghasafar kien izommhomhu.  Mhux veru li hi dilettantat al-ghasafar.

Il-bibien kienu hemm u dawn kienu ta' ommi pero ma halsux LM200 li Tony l-mastrudaxxa ghax haudha b'xejn ghax kien xoghol bi tpartit ghax kien idahhal il-karozza fil-garage ta' ommha b'xejn u ghalhekk ma hadilha xejn. (fol 47)

Dwar il-purtieri dan id-drapp ma kienx iqum LM200 ghax hafna huma shears tixtrihom bi ftit flus u fuq kollox kien rigal tal-kurign taghha u l-attur ma hareg xejn.

Ma sar ebda xoghol minghand Hal Mann.

Dwar coving tal-gebel dan sar minn habib ta' missierha certy Bobby kif ukoll ir-ruzuni u dan jista jikkonfermah bil-gurament.

Dwar l-Awstalja ma xtraw xejn minn hemm ta' valur hlief frott tal-hgieg u hwejjeg li hadhom hu.  Li biex marru l-Awstralja halsitlu anke l-biljett ommha u kellha thallas LM200 telefonati li ghamel hu mill-Awstralja. (fol 48-49)

Dwar l-LM1000 li qed jghid l-attur li tahom missieri, l-konvenuta tghid li dawn qatt ma rathom.

Tghid li l-attur kull ma sebghah kien l-kurutur u l-kcina ghax il-qbija l-bedrooms ma ghamilhomx hu u sebghhom ghax hu u mhux ghax kkmandatu hi.

Dwar is-suffetti dawn hallshom zijuha li huwa guvni bhala rigal lilha u jista jikkonfermah zijuwha stess.

It-television u dvid taghthomlha ommha.

l-linef tat-tieg huma rigal taz-ziju taghha u hemm l-ircevuta. (fol 50)

Is-sufan xtraw qabel it-tieg u kien jiswa LM200 u harget il-flus hi.

Il-pitturi huma 6 li ntraw fiz-zwieg u qamu LM30 li xtrawhom inghand Bargain teleshopping u l-attur wahhalhom biss.

Dwar iz-zewg twapet jista jigi u jehodhom u dawn inxtraw mill-monti go Tunis u swie ftit flus u mhux LM50.

Tghid li flus qalghu LM3000 li minnhom halsu LM1500 lil Percius, l-avis LM200 hwejjeg tal-irgiel LM400 sala LM400, tad-diski LM150 u l-Hilton fejn hadha taparsi honeymoon u l-bqija l-Awstraljata.

Spejjes tal-hwejjeg tal-gharusa u tal-bridesmaids ma hareg xejn. (fol 51)

ix-xorb tat-tieg halsitu ommha. (fol 26 li tinsab wara fol 51)

Ir-ritratti u l-video tat-tieg halsithom ommha ghax kienu diga mifrudin izda xorta taghtu r-ritratti fejn jidher hu u l-familjari tieghu.

Is-souvenirs hadmithom l-mara ta’ huha pero l-kaxxi u l-frames kollha xtrathom hi qabel it-tieg.

Tghid li ghad ghandu dejn ma’ ommha ta’ LM500 mill-ispejjez tal-honeymoon fl-Awstralja.

Il-beautician tat-tieg halsitha ommha u anke l-hairdresser.

l-inviti tat-tieg halsithom hi (fol 53).

Il-lahmijiet, tigieg, bajd ghamluhom z-zijiet taghha ghat-tieg bhal ikel.

Rigward l-flus tal-kont hija minghalija li kien hemm LM400 u ma tistghax ticcekja ghax dan il-kont ilu maghluq .

Rigward l-karozza tghid li harget LM2500.

Tghid ukoll li halset LM1575 madum tat-tarag u LM300 polishing u LM400 twahhil tat-tarag. (fol 52, 54 u 55) .

A fol 97 l-attrici prezenta bhala Dok 1 kuntratt tas-7 ta' April 1971 atti Dottor Anthony Gatt li permezz tieghu misssierha kien xtara l-art li fuqu nbeniet d-dar matrimonjali tal-partijiet.

A fol 109 xehed **Romuald Attard** in rapprezentanza tal-Bank of Valletta plc li l-konvenuta ghandha zewg kontijiet Dok BOV1 u BOV2. BOV1 huwa maghluq u BOV2 ghadu miftuh. Huwa rega xehed fis-seduta tat-22 ta' gunju 2012 li sab kont wiehed fuq l-attur esebit bhala Dok BOVa u sab kont joint tal-partijiet li huwa maghluq u gie markat Dok BOV b. xehed ukoll li l-attur mkellu cashlink card.

A fol 126 l-attrici pprezetnat prospett guramentat li fih xehedet dan li gej:

Rigward l-kcina, hija tal-oak ma hemmx breakfast table ghax kienet nehhietha u halsitha kollha hi LM3500.

Dwar l-appliances tal-marka Bosch ma humiex ta' lis tainless stell izda ta' kulur iswed u halsithom hi LM100 fix-xahar u hu ma hallasx xejn u kienu jammontaw ghal LM1100.

Dwar l-irham, dan inxtara minghand tal-Palazz mhux minghand HalMann u halsitu ommha LM300.

l-alumium tad-dar il-dicna u l-bieb huma ta' kulur injam u ma inxtrawx minghand ta' Had-Dingli Aluminium izda minghajd Paul Sammut fis-sena 2001 u halsithom ommha LM371 kif jidher fl-ircevuta. Il-kumplament sare minghand ta' had-Dingli fl-ammont ta' LM750 u mhux LM1000 kif jghid u pero l-attur ma hareg xejn kif tidher fl-ircevuta.

Id-dar mtrimonjali hija tal-genituri taghha u meta tawha l-permess toqghod hi l-post kellu l-madum lest, bibien lesti, kamra tal-banju kif ukoll zewg kmamar tas-sodda u anke aluminium pero l-attur ma ghogbux u nehhih kif ukoll l-kamra tal-banju. Dwar dawl u ilma kien emm fil-post pero ziedu xi plakek tad-dawl u dawn halsithom ommha kif ukoll halset l-plumber u l-electrician biex iqghdu l-banju, t-toilet, ix-shower kif ukoll is-sink u ghandha l-ircevuta ta' dan. L-kmamar tal-banju l-ebda wahda ma fiha bede.

Il-kmamar tal-banju inxtraw minghand il-Bathroom Design pero minghand wiehed jismu Patrick mir-Rabat.

Il-funtana tiswa LM135 veru pero halsitha ommha kif halset ukoll x-xoghol li sar fil-parapett jigifieri l-madum ta' barra, l-gebel tas-sejjieh u kif ukoll l-gradi.

Il-gradenza ta' Lm200 kienet rigal minghand ohtha tat-tieg.

Il-guva kienet tiswa LM300 pero l-attur ha aktar minn hekk ghax kien jibridja l-ghasafar u l-flus kien jehodhom hu u missieru. U meta telaq hi haditlu hsiebhom sakemm gie misisru u ha l-ghasafar li huma gholjin fil-prezz u l-ohrajn ghadha tiehu hsiebhom sal-lum. Ma kienetx dilettanta tal-ghasafar izda ghamlet dan biex tikkuntenta lil zewgha. Hija thid li jista jigi jehodha u jhallas tal-ispejjez tal-bejt.

Il-bibien kienu hemm u dawn kienu ta' ommha pero ma hallsux LM200 ghax Tony l-mastrudaxxa ma hadilhom xejn ghax dan ix-xoghol sar bi tpartit ghax hu kien idahhal l-karozza fil-garage ta' ommi.

Dwar id-drapp tal-purtieri ma jqum LM200 u kienu rigal tal-kagun taghha u l-attur ma hareg xejn.

Tghid li huma ma ghamlu ebda xoghol minghand Hal Mann.

Coving tal-gebel ghamlu habibb ta’ missierha wiehed jismu Bonny anke r-ruzuni hu ghamilhom.

l-Awstralja ma xtraw xejn ghad-dar ta’ valur ghodli hlief frott tal-hgieg u hwejjeg li hadhom hu. Ommha halsitilha l-biljett u kellha thallas LM200 telefonati li ghamel hu mill-Awstralja.

Tghid li qatt ma rat LM1000 li qed jghid li tahom missieru.

Tghid li l-attur kull ma sebgha kien l-kurutur u l-kcina ghax l-bqija l-bedrooms am ghamilhomx hu u zebaghhmom ghaxried hu.

Dwar is-suffetti hallshom zijuha bhala rigal lilha u t-television u dvd taghthomlha ommha.

Il-linef tat-tieg huma rigalt az-zijuttaghha u s-sufan xtraw qabel it-tieg u 3 seater li jiswa LM200 hargithom hi. Pitturi ghandhom 6 tat-tarag u inxtraw matul iz-zwieg ghal prezz ta’ LM30 u inxtraw minghand Bargain Telesopping u l-attur kemm wahhalhom.

Dwar iz-zewg twapet jista jehodhom.

Flus fit-tieg qalghu LM3000 li minnhom halsu lil Percius LM1500, l-avis tal-karozzi LM200, hwejjeg tal-irgiel LM400 u sla LM400 u lid-dj LM140, l-Hilton fejn hadha taparsi ghal honeymoon u l-bqija l-Awstralja.

Il-hjata u d-drapp thalsu minn ommha; ix-xorb tat-tieg halsitu ommha fl-ammont ta’ Lm1000; ir-ritratti u l-video tat-tieg halsithom ommha meta kienu diga mifrudin.

Is-souvenirs hadithom l-mara ta’ huha pero l-kaxxi u frames kollha xtrathom qabel it-tieg u kienu jiswew LM1 kull kaxxa.

Tghid li biex marru l-Awstralja sselfu LM1000 minghand ommha u l-attur baqghalu jaghti LM500 lil ommha.

l-beautician tat-tieg halsitha ommha u anke ta’ ommu u dan sewa LM40, l-hairdresser halsitha ommha u anke ta’ omm l-attur u tal-bridesmaid u dan sewa LM80; l-lahmijiet, tigieg, bajd ghamlulhom z-zijiet taghha.

Flus fil-kont kien hemm xi LM400.

Il-karozza harget kwasi nofsha u cioe LM2500.

Tghid ukoll li halset LM1575 ghal madum tat-tarag u LM300 polishing u LM400 tat-twahhil tat-tarag.”

Ikkunsidrat;

**Konsiderazzjonijiet**.

Peress li fil-mori tal-kawza z-zwieg ta’ bejn il-partijiet gie annullat, it-talbiet tal-attur u dawk tal-konvenuta fir-rigward ta’ htija ghat-tkissir taz-zwieg u manteniment ser jigu michuda in kwantu zwieg validu bejn il-partijiet ma kienx hemm bil-konsegwenza illi l-unika kwistjoni li trid tigi deciza f’din il-kawza hija dik rigwardanti l-aspett patrimonjali.

Il-pretensjonijiet tal-attur fir-rigward tal-aspett patrimonjali jaqghu taht zewg kategoriji: (1) flus li huwa hareg sabiex inxtraw il-mobbli sew qabel iz-zwieg, kif ukoll wara z-zwieg bl-iskop li jintuzaw fil-hajja mizzewga tal-partijiet; u (2) spejjez li hareg l-attur sabiex saru numru ta' benefikati fil-fond li l-partijiet uzaw wara li zzewgu.

Meta l-attur intavola l-kawza odjerna huwa kien taht l-impressjoni li l-fond immobiljari li fih saru l-benefikati mertu tal-kawza odjerna kien proprjeta' tal-konvenuta. Dan johrog car mill-affidavit tal-istess attur fejn jghid testwalment: "Nghid li dawn l-oggetti jinsabu kollha fid-dar matrimonjali li hija proprjeta' ta' C. Din inghatat lilha mill-genituri taghha. Hija fil-fatt ghadha tghix gewwa din l-istess dar u taghmel uzu minn dawn l-oggetti. Meta jiena tlaqt mid-dar, kulma hadt mieghi kienu biss il-hwejjeg, u cjoe' l-ilbies, iz-zreaben u xi dehbijiet li kelli."[3]

Fir-rikors guramentat tieghu il-konvenut jippremetti s-segwenti fir-rigward tal-aspett patrimonjali: "Illi l-esponent ghandu oggetti u krediti parafernali fil-pussess u/jew li qed jintuzaw u jitgawdew mill-intimata".

F'nota guramentata l-attur jissottometti li ghandu kreditu parafernali ammontanti ghal €23,000.

Fir-risposta guramentata taghha[4] l-konvenuta ma ssemmi xejn li d-dar matrimonjali ma kenitx proprjeta' taghha izda proprjeta' tal-genituri taghha; filwaqt li fin-nota guramentata taghha l-konvenuta tghid hekk: "Dwar il-komunjoni ta' l-akkwisti l-esponenta tirribadixxi illi A B m'ghandu jiehu xejn stante li kien hu li kisser iz-zwieg taghhom u stante ukoll illi kwalsiasi ammont li seta kellu jiehu gie pacut ma' hlasijiet li ghamlet l-esponenta kif ser jigi ippruvat waqt il-kawza.:"[5]

Fil-mori tal-kawza pero' irrizulta illi l-konvenuta ma kenitx proprjetarja tal-fond indikat bhala d-dar matrimonjali izda s-sidien kienu l-genituri tal-konvenuta li kienu xtraw l-art in forza ta' kuntratt ts-7 ta' April 1971 in atti Nutar Dottor Anthony Gatt[6] li eventwalment zviluppawha.

---

[3] Fol. 24
[4] Fol. 16
[5] Fol. 21
[6] Fol. 97

L-attur qed isostni illi nonostante li l-konvenuta ma hiex sid il-fond immobiljari in kwistjoni, xorta ghandha taghmel tajjeb ghall-ispejjez li l-attur ghamel f'dan il-fond. Dan qed isostnih peress li jirritjeni li l-konvenuta ghandha titolu ta' kommodat fuq il-fond de quo u bhala tali hija marbuta li taghmel tajjeb ghall-ispejjez li nefaq l-attur f'benefikati fuq dan il-fond.

Il-konveuta qeghda tikkontesta tali pretensjoni fuq il-pretest illi mhiex is-sid tal-fond in kwistjoni u ghalhekk it-talbiet tal-attur fir-rigward tal-benefikati m'ghandhomx jigu indirizzati lilha.

Fl-affidavit taghha l-konvenuta xhedet illi: "Id-dar matrimonjali mhux tieghi pero' huwa ta' ommi u missieri u tawni il-permess li noqghod fih……………:"

Ikkonsidrat;

**Benefikati**.

L-attur isostni li ghalkemm huwa minnu illi meta huwa hareg minn butu flus sabiex saru l-benefikati fil-fond, minghalih li l-fond kien tal-konvenuta, il-fatt li waqt li kienet miexja din il-kawza irrizulta li l-fond ma kienx tal-konvenuta izda tal-genituri taghha, ma hux ta' ostakolu ghall-pretensjoni tieghu fil-konfront tal-konvenuta.

L-attur jissottometti illi l-konvenuta ghandha titolu ta' kommodat fuq dan il-fond immobiljari u ghalhekk hija obbligata li hi, u mhux il-genituri taghha *qua* sidien, li thallas lill-attur tal-benefikati li ghamel f'dan il-fond.

Fir-rigward tal-pretensjoni tieghu fil-konfront tal-konvenuta rigwardanti xogholijiet minnu finanzjati fil-fond immobiljari biex jintuza bhala dar matrimonjali, l-attur qed jistrieh fuq l-Artikolu 1327 (e) tal-Kapitolu 16 li inter alia jipprovdi illi l-beni li jkunu parti mill-komunjoni tal-akkwisti jbatu biss id-djun li jkollhom x'jaqsmu mat-tiswijiet ordinarji tal-beni ta' xi wahda mill-partijiet fiz-zwieg, illi l-utili taghha huma maghdudin fl-akkwisti." Jghid hekk l-attur:

"Il-konvenuta fir-risposta taghha tghid illi m'ghandhiex titolu ta' *ownership*, u dan ghaliex il-genituri taghha huma l-proprjetatarji tad-dar in kwistjoni. Minkejja dan il-fatt, l-artikolu 1327 (e) ma jirrikjediex illi d-dar tkun tappartjeni lil wiehed mill-partijiet b'titolu ta' ownerhsip. L-uniku rekwizit f'dan l-artikolu huwa li t-tiswijiet ordinarji ghandhom isiru fuq il-beni tga' xi wahda mill-partijiet fiz-zwieg, f'dan il-kaz, id-dar matrimonjali li kienet tappartjeni lill-konvenuta.

Ghalhekk il-fatt semplici li l-konvenuta tghid u tgawdi l-proprjeta' mertu tal-kawza odjerna, u dan ad eskluzzjoni tal-attur, huwa sufficjenti sabiex ir-rekwiziti ta' l-artikolu precitat, u cjoe' l-artikolu 1327 (e) jigi sodisfatt. Ghaldaqstant, il-kreditu ta' l-attur rigward ix-xogholijiet, jifforma parti mid-dejn tal-komunjoni tal-akkwisti".

**Kommodat**.

L-attur ghalhekk qed jargumenta illi fil-frazi "beni" adoperata fl-artikolu fuq citat jidhol il-fond immobiljari de quo li skond l-attur huwa mizmum mill-konvenuta b'titolu ta' kommodat. Ghaldaqstant l-attur jippretendi illi l-konvenuta, qua kommodatarja, u mhux il-genituri taghha, qua sidien, ghandha taghmel tajjeb ghall-pretensjonijiet tieghu fir-rigward tal-benefikati minnu maghmula permezz ta' fondi parafernali tieghu.

L-attur jiccita s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fit-8 ta' Gunju 2005 fl-ismijiet "**Gaetano Sammut vs Pauline Sammut**" per Imhallef Philip Sciberras fejn wiehed isib esposizzjoni kristallina tal-elementi ta' kommodat fl-ambitu ta' mizzewgin u dar matrimonjali moghtija b'kommodat minn genituri lill-konjugi. L-attur jissottometti illi b'applikazzjoni tal-principji enunzjati f'dik is-sentenza, il-fond matrimonjali proprjeta' tal-genituri tal-konvenuta kien moghti b'titolu ta' kommodat lill-konvenuta wahedha u mhux lill-partijiet flimkien.

Ezaminata s-sentenza appena citata, hija l-fehma ta' din il-Qorti illi l-fattispecie ta' dik il-kawza huma radikalment distinti mill-kawza odjerna in kwantu f'dik il-kawza citata mill-attur, il-missier kien ta fond immobiljari b'titotolu ta' kommodat lil ibnu bl-iskop li jmur jghix fih mal-futura mara tieghu meta l-mara li eventwalment izzewweg, konvenuta f'dik il-kawza, lanqas biss kien ghadu jafha. Il-fattispecie fil-kawza odjerna huma kemxejn differenti in kwantu mill-kumpless tal-provi jirrizulta li sakemm istitwixxa l-kawza odjerna l-attur kien minghalih li l-fond immobiljari kien tal-konvenuta u jekk xejn allura li kien l-attur li qed jinghata mill-konvenuta titolu ta' kommodat fuq dan il-fond. Il-fatt li wara rrizulta li l-fond kien tal-genituri tal-konvenuta jeskludi li l-attur gie moghti titolu ta' kommodat fuq il-fond de quo.

Hija l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti illi l-pretensjoni tal-attur fil-konfront tal-knovenuta rigwardanti xogholijiet li huwa ghamel jew iffinanzja fil-fond immobiljari de quo ma hiex sostenibbli inkwantu tali talba kellha ssir fil-konfront tas-sidien. Il-fatt li l-konvenuta baqghet tuza dan il-fond wara li l-attur volontarjament hareg minnu ma jirrendiex lill-konvenuta responsabbli minflok is-sidien sabiex ghall-pretensjonijiet tal-attur fir-rigward.

Hija ghalhekk il-konkluzzjoni ta' din il-Qorti illi l-legittimu kontradittur fir-rigward tal-pretensjoni tal-attur dwar il-benefikati fil-fond immobiljari ma hiex il-konvenuta izda s-sidien. Il-Qorti taghmilha cara illi ma hi qed tesprimi l-ebda gudizzju dwar jekk eventwali azzjoni tal-attur fil-konfront tas-sidien hiex fondata jew le. Tali gudizzju jezorbita mill-mertu tal-kawza li din il-Qorti ghandha quddiemha.

**Accettazzjni ta' Hlas, Bla Pregudizzju.**

L-attur isostni wkoll illi l-pretensjoni tieghu fil-konfront tal-konvenuta ghandha tigi akkolta peress li fit-trattativi ta' bejniethom il-konvenuta, permezz ta' ittra mibghuta mill-Avukat taghha, kienet accettat li thallas l-ammont ta' Lm3,000. L-ittra li tinsab ezebita a fol. 78 u intbghatet mill-Avukat tal-konvenuta lill-attur u tghid hekk:

"Qieghed nikteb fuq inkarigu ta' C B ta'………….. – omissis - …… b'risposta ghall-ittra legali tieghek datata 21 ta' Lulju 2005.

Ghandi ngharfek li l-klijenta tieghi tinsab sorpriza kif qieghed taghmel il-proposti tieghek fl-ittra suddetta. Il-gurnata ta' qabel inti dehert li accettajt l-ammont ta' Lm3,000. Hi lesta toqghod ma' din is-somma u thallasha f'daqqa mal-kuntratt ta' separazzjoni. Jekk inti ma taccettax din il-proposta kulhadd ghandu jipprocedi skond il-ligi. Din l-ittra qieghda tintbghat minghajr ebda pregudizzju kwalunkwe." (sottolinear tal-Qorti).

Mill-atti jirrizulta illi l-attur kien irrifjuta s-somma ta' Lm3,000 minghand il-konvenuta ghas-saldu tal-pretensjonijiet kollha tieghu. Tant hu hekk illi kien biss erba' snin wara l-ittra appena citata illi l-attur permezz tal-Avukat tieghu rega kiteb u ghamel referenza ghal dik l-offerta u semma li wara dak iz-zmien kollu kien lest li jaccetta tali offerta. [7] Din l-ahhar ittra taghlaq b'dawn il-kelmiet: "Din l-offerta tibqa' valida biss kemm-il darba tali proposta tkun accettata mill-kljienta tieghek. Fin-nuqqas il-klijent tieghi ser jipprocedi b'kawza ghal separazzjoni u f'dan il-kaz huwa ser jitlob hlas tal-krediti parafernali kollha spettanti lilu." L-ittra kienet ukoll senjalata bil-kliem "Minghajr Pregudizzju".

[7] Fol. 79

Jirrizulta ghalhekk illi kien l-istess attur li ma accettax il-proposta tal-konvenuta fis-sena 2005 li jithallas is-somma ta' Lm3,000 ghas-saldu. Dan hu ammess minnu stess fl-ittra tal-legali tieghu tal-4 ta' Frar 2009. Kienu jidhlu konsiderazzjonijiet ohra kieku l-offerta maghmula mill-konvenuta giet accettata mill-attur fiz-zmien li saret. Il-fatt li dam circa erba' snin jahsibha sakemm wasal biex jaqbel mal-offerta lilu maghmula mill-konvenuta erba' snin qabel, ma johloq l-ebda vinkolu fuq il-konvenuta. Meta fis-sena 2009 l-attur iddecieda li jaccetta s-somma ta' Lm3,000 ghas-saldu, l-offerta tal-konvenuta ma kenitx ghadha hemm. It-trattativi bl-iskop li jintlahaq ftehim bonarju ghandhom isiru in *buona fede.* Jekk issir proposta ghandha tigi accettata jew michuda fi zmien ragjonevoli u mhux erba' snin wara meta l-proposta ma tkunx ghadha fuq il-mejda tad-diskussjoni. Dan prattikament huwa ammess fl-istess ittra tal-legali tal-attur tal-4 ta' Frar 2009.

Ghaldaqstantil-Qorti qed tiddeciedi illi bl-ittra tal-Avukat tal-konvenuta tal-1 ta' Awissu 2005 ma inholoq l-ebda obbligu fuq il-konvenuta gialadarba tali offerta ma gietx accettata fiz-zmien li saret.

**Mobbli.**

Fir-rigward tal-mobbli l-Qorti taghmel referenza ghar-rapport peritali u ghar-risposti in eskussjoni moghtija mill-perit legali u qed tadotta l-konkluzzjonijiet hemm raggunti ghar-ragunijiet hemm moghtija li l-Qorti qed taghmilhom taghha.

Ghalhekk qed taqta' u tiddeciedi illi l-mobbli imsemmija f'paragrafi (a) (b) u (c) jigu assenjati bil-mod kif rakkomandat mill-perit legali f'pagna 19 tar-rapport peritali.[8] It-televizzjoni, dvd player, video camera, is-sufan, il-kcina, l-appliances, il-guva, ghandhom jinbieghu bis-subbasta u r-rikavat jinqasam bejn il-partijiet sakemm il-partijiet ma jilhqux ftehim dwar l-ispartizzjoni tal-istess sa mhux aktar tard minn tlett xhur minn meta din is-sentenza ssir *res judicata*. Wara l-iskadenza tat-terminu imsemmi minghajr ftehim kull parti tista' titlob il-bejgh tal-oggetti mobbli imsemmija.

**Kontijiet Bankarji**.

Dawn ghandhom jigu assenjati bil-mod kif rakkomandat mill-Perit Legali a fol. 301

[8] Fol. 298

**Vettura**.

Ghar-ragunijiet migjuba fir-rapport peritali il-Qorti qed tiddikjara li l-vettura Toyota Tercel imsemmija fl-atti hi proprjeta' esklussiva tal-attur.

**Decide**.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed taqta' u tiddeciedi din il-kawza u kontro-talba billi:-

Prevja li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta, tichad l-ewwel, it-tieni, u l-hames talba attrici, u fir-rigward tat-tielet u r-raba' talba attrici filwaqt li tichad it-talba tal-attur ghall-benefikati fir-rigward tad-dar matrimonjali ghar-ragunijiet fuq spjegati, tordna li l-mobbli mertu tal-kawza jigu divizi bil-mod kif fuq spjegat taht  l-intestatura 'Mobbli'.

Tichad it-talbiet kollha rikonvenzjonali.

Bl-ispejjez jithallsu bin-nofs bejn il-partijiet.

**Imhallef**

**Deputat Registratur**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------